27 OCT 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgha Numru 534**

**It-Tnejn 28 ta'Settembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgha.

**534.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

534.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

**534.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

534.2.1 Il-minuti tal-532 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri.

534.2.2 Il-minuti tal-533 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri.

**534.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

534.3.1 Is-Sindku rrefera għas-sejħa tal-offerti għar-*resurfacing* ta' Triq Has-Sajjied (ZLC 6/2018) kif ukoll għall-fondi Ewropej taħt il-Miżura 4.4 u nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien bagħat ittra legali lill-kumpanija *Dimbros Limited* sabiex tħallas id-differenza fiż-żieda tal-prezz li kienet tammonta għal €32,288 eskluż il-VAT. Is-Sindku qal li l-aġenzija ARPA ma kinitx ser tħallas għad-differenza fiż-żieda tal-prezz peress illi l-Kunsill kien obbligat li jitlob din id-differenza lill-kumpanija *Dimbros Limited*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien irċieva ittra legali mingħand il-kumpanija *Dimbros Limited* bħala risposta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt imsemmi ma ġiex iffirmat minħabba raġunijiet umanitarji. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob parir legali lill-avukat tal-Kunsill dwar din il-korrispondenza.

534.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-affidavit li kellu jittieħed minħabba l-ittra ta' oġġezzjoni lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar il-fondi relatati ma' Triq Has-Sajjied, kien għadu ma ttiħidtx. Is-Sindku qal illi kien ser jerġa' jitkellem mal-avukat tal-Kunsill dwar dan.

534.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand sid il-vettura dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €80 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident peress illi f'din it-triq kienu għaddejjin xogħlijiet ta' *resurfacing* minn *Infrasturcture Malta*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġà kien bagħat kopja ta' din il-korrispondenza għall-attenzjoni ta' *Infrastructure Malta*.

534.3.4 Inqrat korrispondenza li s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lis-Sindku u lill-Kunsillieri peress illi minħabba pressjoni u esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibbli għaliha li tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* tagħha u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġġedded 54.75 siegħa ta' *vacation leave* għas-sena

2021. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex jagħti dan it-tiġdid.

534.3.5 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Patrick Barbara daħal għal-laqgħa.

534.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-edizzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' kienet ġiet stampata u ppropona li ssir *launching* ta' dan il-ktieb mill-Onorevoli José Herrera, il-Ministru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokal fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kien ser ikun il-prezz ta' dan il-ktieb. Is-Sindku qal illi kull kopja kienet ser tinbiegħ għall-prezz ta' €5. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex din il-pubblikazzjoni tiġi stampata bl-ingliż ukoll.

534.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-korsijiet tal-*life long learning* kienu mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. Minħabba li bħalissa kien għaddej xogħol ta' manutenzjoni fis-sala tal-Kunsill, il-korsijiet kienu ser jiġu organizzati fis-sala tal-Knisja tas-Salib Imqaddes, Ċentru Sant Andrija fi Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar.

**534.4 Proġett Dar Sagra Familja**

534.4.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta proposta sabiex Dar Sagra Familja tiġi żviluppata f'dar għall-anzjani. Is-Sindku żied jgħid li l-pjanta tħejjiet mill-Perit tal-Kunsill skont il-pjan lokali. Is-Sindku ppropona li jiġi ffirmat ftehim bejn l-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Kunsill Lokali sabiex fi Triq Ġanni Bonavia isir żvilupp ta' żewġ sulari fuq il-bini eżistenti u fi Triq Hompesch isir żvilupp ta' binja li tkun identika bħal binja li hemm fi Triq Ġanni Bonavia. Is-Sindku qal illi binja minnhom ser tkun iddedikata għall-anzjani b'żieda fin-numru ta' sodod, minn 24 għal 72 sodda u l-livell tas-sular ta' taħt għandu jintuża għas-servizzi bħal kċina u sala tal-ikel. Filwaqt li l-binja l-oħra għandha tkun iddedikata parzjalment għat-tfal u l-kumplament għall-anzjani. Is-sular ta' taħt l-art u l-pjan terran għandhom ikunu ddedikati għat-tfal u għas-sorijiet li jieħdu ħsieb it-tfal, filwaqt li ż-żewġ sulari ta' fuq ikunu għall-anzjani. Il-binja prinċipali ser tintuża għall-amministrazzjoni ta' din id-dar. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi approvata l-pjanta proposta u biex isir ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Kunsill iħejji pjan ta' żvilupp, japplika għall-permessi meħtieġa, joħroġ is-sejħa għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, jieħu ħsieb l-implimentazzjoni u l-moniteraġġ tal-proġett, u fl-aħħar mill-aħħar, ikun reponsabbli għall-amministrazzjoni tad-dar tal-anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

534.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien attenda laqgħa ma' rappreżentanti mill-uffiċċju tal-Onorevoli Aaron Farrugia u rappreżentanti mill-uffiċċju tal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, fejn ġie diskuss il-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi kien qed jitħejja ftehim u li kien ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill fil-futur viċin. Is-Sindku żied jgħid li wara li

jittiehdu l-pariri legali kien ser iressaq il-ftehim għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa min kien ser jiffinanzja dan il-proġett. Is-Sindku qal illi dan il-proġett kien ser ikun parzjalment iffinanzjat mill-*Planning Funds* tal-Kunsill. Is-Sur Buttigieg qal illi jekk dan il-proġett kien ser isir konġunt ma' entitajiet oħra, l-ispiża m'għandhiex titħallas kollha mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa kien alloka l-fondi għal dan il-proġett. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jibbenefika minn dan il-proġett f'każ li jsir konġunt. Is-Sindku qal illi l-proġett kien ser jikber iktar u kienu ser jinġiebu iktar fondi. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-*underground parking* ma kienx inkluż fil-pjanti li tħejjew fil-leġislazzjoni preċedenti. Is-Sindku qal illi l-*underground parking* kien ser jiġi iffinanzjat mill-Onorevoli Ian Borg, il-Ministru responsabbli mit-Trasport Pubbliku, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Is-Sindku qal li bħalissa kienet qed issir riċerka minħabba li kien hemm kwistjoni legali fuq parti mill-art peress illi hemm parti minna li kienet privata.

### 534.5 Il-Mitħna ta' Birgħelliem

534.5.1 Is-Sindku rrefera għall-Mitħa ta' Birgħelliem u qal illi din il-mitħna qiegħda fuq ir-*roundabout* ta' bejn Triq l-10 ta' Settembru 1797 u fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta ġiet diskussa l-possibilità li tiġi restawrata l-Mitħa ta' Birgħelliem u tingħata l-glorja oriġinali tagħha billi jinbena l-makkinarju bil-paletti tar-riħ. Is-Sindku żied jgħid li din il-mitħna kienet proprjetà tal-Gvern iżda hija mikrija u jgħixu żewġ familji ġewwa fiha. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill għandu l-ewwel jiddiskuti mar-residenti li joqgħodu f'din il-mitħna. Is-Sindku qal illi r-residenti li joqgħodu f'din il-mitħna diġa wrew ix-xewqa li din il-mitħna tiġi restawrata. Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jaqbel ma' dan il-proġett ta' restawr, is-servizz ta' perit għandu jingħata mill-Perit tal-Kunsill imbagħad wara jsir ir-rimbors tal-ispejjeż mill-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol ta' restawr kien ser isir mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill peress illi kien hemm fond allokat mill-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li s-sejħa tal-offerti tinħareġ mill-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar sabiex jitnaqqas ix-xogħol minn fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta li jsir r-restawr tal-Mitħna ta' Birgħelliem flimkien mal-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar.

### 534.6 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

534.6.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**534.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13**

534.7.1 Is-Sindku qal illi kienu saru l-intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) iżda l-proċess kien għadu ma ġiex konkluż peress illi l-Bord tal-Ingaġġ tal-Għażla kien talab kjarifika dwar il-kwalifikazzjoni ta' whud mill-kandidati.

**534.8 *Access Points* – Proġett tal-Wifi 4EU**

534.8.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li ntbgħatet dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI 4EU u qal illi l-Kunsill kien ser jibbenefika minn *voucher* ta' €15,000 sabiex jakkwista apparat biex joffri Wifi b'xejn fil-lokalità. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex flimkien jidentifikaw għaxar żoni sabiex jiġi offrut Wifi permezz ta' din l-iskema. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-*access points* ikunu kif ġej; fil-*playing field* Ġnien il-Mistrieħ, fil-*playing field* Ġnien Tamara Psaila, fid-Dog Park, fil-*Belveder* ta' Triq tal-Labour, f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, mad-dawra taz-zuntier tal-knisja fi Triq is-Santwarju, fejn il-monument ta' Agatha Barbara fi Triq is-Santwarju, fis-*soft area* fejn ser isir il-proġett relatat ma' Miżura 3 – *Green Infrastructure* fi Triq l-Ewwel ta' Frar, fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi tal-Klabb tal-Boċċi u fejn il-Knisja tas-Salib Imqaddes fi Triq Alessio Erardi.

**534.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

534.9.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 t'Awwissu 2020 u t-28 ta' Settembru 2020 li kienet tammonta għal €43,533.58.

**534.10 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

- Żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019)

534.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 1/2019 għaż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li l-Kunsill għandu mas-Sur Christopher Bonello, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 5/2019)

534.10.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 5/2019 għall-ġbir ta' skart domestiku li l-Kunsill għandu mas-Sur Saviour Mifsud, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Offerta għax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020)

534.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proċess t'evalwazzjoni tal-offerta għax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020)kien għadu ma tlestiex.

- Xogħlijiet ċivili u nstallazzjonijiet ta' tagħmir anċillari għal *school zoned pedestrianised superblock* f'Ħaż-Żabbar (4/2020)

534.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta għal dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isiru xogħlijiet ċivili u nstallazzjonijiet ta' tagħmir anċillari għal *school zoned pedestrianised superblock* f'Ħaż-Żabbar.

534.10.5 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt il-ġdid tal-knis ta' toroq urbani (ZLC 1/2020R) kien ser jibda b'effett mill-1 t'Ottubru, 2020 u żied jgħid li flimkien mal-Kaptan Patrick Barbara u s-Segretarju Eżekuttiv kienet saret laqgħa mal-kuntrattur.

**534.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

534.11.1 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkellmet dwar l-*email* li kienet bgħatet minħabba bożoż mitfija f'diversi toroq.

534.11.2 Il-Kaptan Patrick Barbara talab li titnaddaf art mitluqa li hemm fi Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq Villabate. Il-Kaptan Barbara qal illi kien hemm diversi karozzi mitluqin f'din l-art.

534.11.3 Is-Sur Joseph Agius talab li jiġi rranġat ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Triq is-Saqwi peress illi kien waqa' bil-maltemp.

534.11.4 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva talba mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq iċ-Ċimiterju sabiex isir *culvert* tal-ilma tax-xita f'Misraħ San Ġakbu fil-viċinanzi tal-ħanut tar-roti minħabba l-problema tal-għargħar. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fejn il-ħanut tar-roti diġa kien hemm *culvert*. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-culvert eżistenti ma jkoprix il-wisgħa tat-triq kollha. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fil-viċinanzi tal-ħanut tar-roti. Hu żied jgħid li f'Misraħ San Ġakbu kien hemm ġibjun iżda kien hemm bżonn li jsir il-manutenzjoni tiegħu.

534.11.5 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi estiż il-kanal tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq l-Iskola sabiex jinġabar l-ilma ġewwa l-ġiebja li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

534.11.6 Is-Sur Joseph Agius irrefera għaċ-ċirkulari numru SPI/SCI/2020 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibiltà u Mobilità u talab lill-Kunsill sabiex jixtri vettura permezz ta' din l-iskema sabiex jiġi provdut trasport intra-komunitarju għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabbli. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li permezz ta' din il-vettura il-Kunsill ikun jista' joffri trasport lill-anzjani sabiex imorru l-quddies ta' nhar ta' Ħadd. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Agius jipprepara t-talba b'deskrizzjoni dettaljata tal-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-applikazzjoni kienet trid tiġi sottomessa lir-Reġjun Xlokk sa mhux aktar tard mid-29 t'Ottubru, 2020. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-għajnuna finanzjarja u jixtri vettura, kif ukoll sabiex isiru rampi u bankini sabiex il-bankini ikun iktar aċċessibbli għal-persuni b'diżabilita'.

534.11.7 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex titnaddaf art mitluqa li hemm fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Sinjura Calleja staqsiet meta kien ser isir il-proġett propost f'din l-art. Is-Sindku qal illi l-proġett f'din l-art kien inkluż mal-proġett ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra. Is-Sinjura Calleja staqsiet meta kien ser jitkompla x-xogħol f'din it-triq. Il-Viċi Sindku qalet li kien għad jonqos tingħata kisja oħra bit-tarmak. Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet mistennija jitkomplu fl-iqsar żmien possibbli.

534.11.8 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet mingħand residenti sabiex il-pulizija jagħmlu ronda aktar ta' spiss fi Triq il-Pellegrinagg tar-Roti minħabba li kienu qed isiru diversi abbużi.

534.11.9Is-Sur Joseph Agius staqsa meta ser ikun hawn *community policing* f'Ħaż-Żabbar.

534.11.10 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jipparteċipa fl-inizjattiva kontra l-vjolenza domestika bit-tema 'Mhux kull dar tagħti kenn'. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex apparti li l-Kunsill itella' post fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill għal-16-il ġurnata konsekuttiva, is-Sinjura Calleja ssuġġeriet li tittella' attività ukoll. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti minħabba l-Covid-19 is-Sindku ssuġġerixxa sabiex għalissa ma jsirux attivitajiet u din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku talab lis-Sinjura Anna Calleja biex tiddiskuti din l-inizjattiva flimkien mal-Kunsilliera Angel Gwynn Louiselle Camilleri peress illi kienet responsabbli mill-Qasam Soċjali.

534.11.11 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġu rranġati l-*bollards* li hemm imkissra fi Triq il-Mina ta' Hompesch fil-viċinanzi ta' *Scotts Supermarket*. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li anke huwa kien ilu jirraporta dawn il-*bollards*.

534.11.12 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

534.11.13 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm diversi toroq, fosthom Triq Villabate, fejn il-bozoz kienu qed jixgħelu filgħodu u jkunu mitfija matul il-lejl;

filwaqt li oħrajn kienu qed jibqgħu mixgħula lejn u nhar. Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li dawn il-bozoz jiġu rranġati fl-iqsar żmien possibbli. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irrapporta dawn il-ħsarat lill-Korporazzjoni Enemalta bosta drabi.

534.11.14 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku meta kienu ser jiltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu dwar iz-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja.

534.11.15 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva mingħand sid ta' garaxx li hemm fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar u talab sabiex isir *directional sign* li tindika li d-dħul tal-vetturi għandu jsir minn ħdejn il-ħanut tal-karozzi tal-kiri filwaqt li ħruġ mill-venda l-antika jsir minn naħa l-oħra. Il-Viċi Sindku qalet li kienet taqbel mal-proposta tas-Sur Buttigieg. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibli peress illi dan is-suġġeriment imur kontra s-sistema tat-traffiku. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi anke huwa kien ġie avviċinat sabiex is-sistema tad-dħul u ħruġ tinqaleb. Is-Sur Buttigieg qal illi sid il-garaxx kien ressaq din it-talba sabiex tiġi evitata xi diżgrazzja. Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel ma' din il-proposta. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill iressaq din it-talba lil Transport Malta. Is-Sindku qal li kien hemm ċans kbir li Transport Malta ma taċċettax din it-talba peress illi kienet tmur kontra s-sistema tat-traffiku u żied jgħid li jekk id-dħul u l-ħruġ jinqalbu iktar kien ser jiżdied il-periklu. Is-Sur Mark Grech qal illi kif inhi bħalissa wieħed jista' jagħmel *proper look out* għall-vetturi li jkunu telgħin minn Triq is-Santwarju filwaqt li jekk il-ħruġ isir kif propost mis-Sur Buttigieg, faċilment tista' issib il-karozzi ma' wiċċek speċjalment jekk ikunu telgħin bi *speed* eċċessiv. Is-Sindku ppropona li jsir xogħol ta' tisbiħ tal-venda l-antika u li jiġi rijorganizzat il-parkeġġ. Is-Sur Angelo Scicluna issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

534.11.16 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienux tnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa u l-madwar. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

534.11.17 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser jitkompla x-xogħol ta' żebgħa tal-arbli ornamentali u tal-bankina li hemm fMisraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku qal illi meta sar x-xogħol ta' żebgħa tal-arbli kienu tgħattew in-numri tal-arbli. Is-Sindku qal illi n-numri kienu ser jinżebgħu mill-ġdid.

534.11.18 Fis-7.25 ta' filgħaxija is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

534.11.19 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi wara li ngħata wiċċ ġdid ta' Triq Salvu Pulis kien qed joqgħod l-ilma tax-xita quddiem residenza partikolari. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna jgħaddilu l-indirizz komplut sabiex ikun jista' iressaq dan l-ilment lil *Infrastructure Malta*. Is-Sur Scicluna talab li jsir *culvert* tal-ilma tax-xita.

534.11.20 Is-Sur Angelo Scicluna talab li tinstab soluzzjoni minħabba li kienu qed jipparkjaw il-vetturi fil-kantuniera ta' Triq il-Kbira faċċata ta' Sqaq Sidtna tal-Mirkali. Is-Sur Scicluna żied jgħid li mhux l-ewwel darba li vetturi kbar ipparkjaw

anke fuq il-bankina bil-konsegwenza li l-*pedestrians* ikollhom jinżlu l-bankina. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li tiġi estiża l-bankina u biex jitwaħħlu *bollards* sabiex il-vetturi ma jkunux jistgħu jipparkjaw fil-kantuniera jew fuq il-bankina. Barra minn hekk is-Sur Grech issuġġerixxa li jsiru *reflectors* jew *cat eyes* fit-triq sabiex il-bankina tkun viżibbli għas-sewwieqa matul il-lejl. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-perit tal-Kunsill.

534.11.21 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat sprall iħabbat li hemm fi Triq il-Kbira.

534.11.22 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hiex kien wasal il-proċess sabiex jiġi rijorganizzat il-parkeġġ fi Triq il-Kittien. Is-Sindku qal illi l-perit kien ħejja l-pjanti neċessarji u l-Kunsill irċieva l-permessi meħtieġa minn Transport Malta. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol mistenni jsir fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Viċi Sindku talbet lis-Sindku sabiex jagħti iktar informazzjoni ta' kif ġejjin il-parkeġġi. Is-Sindku qal illi kien ser jibgħatilha kopja tal-pjanti permezz tal-*email* dak il-ħin stess.

534.11.23 Is-Sur Angelo Scicluna talab li ssir *road hump* fi Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna jindika permezz ta' *site plan* il-post eżatt ta' fejn qed jitlob li ssir din ir-*road hump.*

534.11.24 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex għall-okkażjoni tal-*Pink October* tinxtgħel il-Mina ta' Hompesch bil-kulur roża. Is-Sindku qal illi kien ser jieħu ħsieb iwaħħal it-tubi bil-kulur roża.

534.11.25 Il-Viċi Sindku talbet li ssir *road hump* fi Triq Ġużeppi Micallef fil-viċinanzi ta' Misraħ Alofju Wignacourt. Is-Sindku qal illi biex issir *road hump* irid ikun hemm l-approvazzjoni tar-residenti. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li hi wkoll kienet irċeviet l-istess talba iżda r-residenti qagħtu qalbhom wara li nfurmatom li Transport Malta titlob dikjarazzjoni mingħand r-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi ta' fejn tkun intalbet li ssir ir-*road hump.*

534.11.26 Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jitnaddaf il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch fil-viċinanzi tal-pompa tal-petrol.

534.11.27 Il-Viċi Sindku qalet li kien ċeda parti mill-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq tal-Plier fil-viċinanzi ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku qal illi diġa kien infurma lill-kuntrattur dwar dan.

534.11.28 Is- Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet meta kienet ser tiġi rranġata l-grada tad-*Dog Park.* Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-kuntrattur.

534.11.29 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kinitx ġiet marbula l-ħamrija tad-*dog park* sabiex titnaddaf mill-ħġieġ. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

**534.12 Mozzjonijiet**

534.12.1Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**534.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

534.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 t'Ottubru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

534.13.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-535 laqgħa li saret nhar it- Tnejn, 26 t'Ottubru, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku